MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-13 ta' Frar, 2009

Appell Civili Numru. 1/2001/2

**Angelo Mangion**

**vs**

**Gustavo Sciortino f'ismu proprju u bhala prokuratur ta' l-assenti Henry, Lewis, Elvira mart John Muscat, James u Alexandra, ilkoll ahwa Sciortino; u b'digriet tal-15 ta' Jannar 1997 stante l-mewt ta' Gustavo Sciortino r-rikorrent, l-atti tal-kawza ghaddew f'isem ibnu Stephen Sciortino.**

**Il-Qorti,**

Fl-24 ta' Novembru, 2008, il-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri ta' Raba' ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Bord;

Ra c-citazzjoni ta' Angela Mangion:

Peress illi fis-26 ta’ Mejju 1999 permezz ta’ sentenza tal-Bord dwar Il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba, fil-kawza fl-ismijiet “Gustavo Sciortino f’ismu proprju u bhala prokuratur tal-assenti Henry, Lewis, Elvira mart John Muscat James u Alexandra, lkoll ahwa Sciortino u b’digriet tal-15 ta’ Jannar 1997 stante l-mewt ta’ Gustavo Sciortino r-rikorrent, l-atti tal-kawza ghaddew f’isem ibnu Stephen Sciortino vs Angela Mangion” (rikors nru 17B/96JAB) l-istess Bord awtorizza lir-rikorrenti li jirriprendu minghand l-attrici odjerna l-pussess tan-nofs (1/2) indiviz tar-razzett u tlett itmiem cirka ta’ raba annessi mieghu, maghrufa bhala “Tal-Hlantun” f’Misrah il-Hlantun, limiti ta’ Hal Safi, u dan sal-15 t’Awissu 1999, bl-ispejjes kontra l-istess intimata.

Peress illi l-attrici saret taf bil-proceduri fuq imsemmija biss f’Settembru tas-sena 2001, wara li giet mghoddija kopja tas-sentenza in kwistjoni mill-attur u wara marret dritt ghand l-avukat tal-fiducja taghha, u

Peress illi kontrarjament ghal dak li jirrizulta mir-riferta tal-Marixxall, ir-rikors (Nru. 17B/96JAB) ma giex notifikat lill-attrici skond il-ligi izda gie notifikat f’idejn zewgha Emmanuel li kienet separata de facto minn mieghu kif ghadha sal-lum u li jghix f’fond iehor, u cioe’ 12, Sqaq San David, Zurrieq u mhux fl-indirizz 8, Sqaq San David, Zurrieq u dana kif jirrizulta sija mid-dokument ufficjali tal-karta tal-identita, kif ukoll minn xi nies li jistghu jixdhu s-separazzjoni tal-kontendenti.

Peress illi ghalhekk l-attrici qatt ma giet notifikata skond il-ligi bl-atti tar-rikors imsemmi, u peress illi qatt ma kienet taf bil-proceduri kontra taghha u ghal din ir-raguni ma attendiet ghas-smiegh tal-istess, b’dan illi l-Bord wasal ghall-konkluzzjoni li ‘t-talba in ezami kif dedotta mil-istess rikors ma

gietx kontestata mill-intimata …u…li l-istess talba ghandha tigi akkolta';

Peress illi ghar-raguni fuq premessa jesizti lok ta' ritrattazzjoni tar-rikors imsemmi kif kontemplata fl-Art 811 paragrafu (b) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Jghidu ghalhekk il-konvenut proprio et nomine ghaliex dan l-Bord m'ghandux:

1. Jirrevoka u jhassar is-sentenza moghtija mill-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba' fl-ismijiet "*Gustavo Sciortino f'ismu proprju u bhala prokuratur tal-assenti Henry, Lewis, Elvira mart John Muscat, James u Alexandra, lkoll ahwa Sciortino u b'digriet tal-15 ta' Jannar 1997 stante l-mewt ta' Gustavo Sciortino r-rikorrent, l-atti tal-kawza ghaddew f'isem ibnu Stephen Sciortino vs Angela Mangion*" (Rikors Nru 17B/96JAB) a tenur tal-Artikolu 811(b) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Jordna r-ritrattazzjoni tal-kawza fuq citata kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li jibqghu ngunti ghas-subizzjoni.

Ra id-dikjarazzjoni guramentata tal-istess Angela Mangion:

Illi fis-26 ta' Mejju 1999 permezz ta' sentenza tal-Bord dwar Il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba, fil-kawza fl-ismijiet "Gustavo Sciortino f'ismu proprju u bhala prokuratur tal-assenti Henry, Lewis, Elvira mart John Musca, James u Alexandra, lkoll ahwa Sciortino u b'digriet tal-15 ta' Jannar 1997 stante l-mewt ta' Gustavo Sciortino r-rikorrent, l-atti tal-kawza ghaddew f'isem ibnu Stephen Sciortino vs Angela Mangion" (rikors nru 17B/96JAB) l-istess Bord awtorizza lir-rikorrenti li jirriprendu minghand l-attrici odjerna l-pussess tan-nofs (1/2) indiviz tar-razzett u tlett itmiem cirka ta' raba annessi

mieghu, maghrufa bhala “Tal-Hlantun” f’Misrah il-Hlantun, limiti ta’ Hal Safi, u dan sal-15 t’Awissu 1999, bl-ispejjes kontra l-istess intimata.

Illi l-attrici saret taf bil-proceduri fuq imsemmija biss f’Settembru tas-sena 2001, wara li giet mghoddija kopja tas-sentenza in kwistjoni mill-attur u wara marret dritt ghand l-avukat tal-fiducja taghha, u

Illi kontrarjament ghal dak li jirrizulta mir-riferta tal-Marixxall, ir-rikors (Nru. 17B/96JAB) ma giex notifikat lill-attrici skond il-ligi izda gie notifikat f’idejn zewgha Emmanuel li kienet separata de facto minn mieghu kif ghadha sal-lum u li jghix f’fond iehor, u cioe’ 12, Sqaq San David, Zurrieq u mhux fl-indirizz 8, Sqaq Sam David, Zurrieq u dana kif jirrizulta sija mid-dokument ufficjali tal-karta talo-identita, kif ukoll minn xi nies li jistghu jixdhu s-separazzjoni tal-kontendenti.

Illi ghalhekk l-attrici qatt ma giet notifikata skond il-ligi bl-atti tar-rikors imsemmi, u peress illi qatt ma kienet taf bil-proceduri kontra taghha u ghal din ir-raguni ma attendiet ghas-smiegh tal-istess, b’dan illi l-Bord wasal ghall-konkluzzjoni li ‘t-talba in ezami kif dedotta mil-istess rikors ma gietx kontestata mill-intimata …u…li l-istess talba ghandha tigi akkolta;

Illi ghar-raguni fuq premessa jesizti lok ta’ ritrattazzjoni tar-rikors imsemmi kif kontemplata fl-Art 811 paragrafu (b) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ra n-nota ta’ eccezzjonijiet tal-intimati:

Illi d-domandi attrici huma infondati kemm fil-fatt u kemm fid-dritt kif ser jighi ppuvat fit-trattazzjoni tal-kawza;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Ra id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenuti konfermata bil-gurament minn Stephen Sciortino:

1. Illi mhux minnu dak li tallega l-attrici li saret taf bil-prpceduri tal-kawza deciza fis-26 ta' Mejju 1999 f'Settembru 2001. Il-fatti ser juru illi l-konjugi Mangion it-tnejn kienu jafu bil-proceduri sa mindu bdew.
2. Illi mhux minnu li l-esponenti ghadda xi kopja tas-sentenza fuq citata lill-attrici f'Settembru 2001.
3. Illi minghajr pregudizzju, n-notifika li saret kienet wahda valida ai termini tal-ligi u ma hemm edba gustifikazzjoni fit-talba attrici.

Semgha l-provi;

Ra l-atti kollha;

Ikkonsidra:

Illi mill-atti jirrizulta illi din hija azzjoni proposta ghar-ritrattazzjoni ta' decizjoni ta' dan il-Bord, liema azzjoni saret fil-forma ta' citazzjoni ghaliex hekk kien jipprovdi l-artikolu 815 tal-Kap 12 qabel kien emendat fl-2005. Dan il-Bord, izda, qieghed *ex officio* jissolleva in-nullita' tal-atti in ezami ghas-segwenti ragunijiet.

Illi Angela Mangion ppostulat it-talba taghha taht id-dispost tal-artikolu 811(b) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. L-artikolu 13(1) (a) u (b) tal-Kap 199 jippreskrivi d-dritt li kull parti jadixxi lill- Bord biex jerga' jisma' mill-gdid rikors minnu deciz **unikament** fil-kazijiet fejn il-parti l-ohra tkun ottjeniet sentenza fuq rapprezentazzjoni hazina tal-fatti jew dikjarazzjoni falza jew, f'kaz ta' ripresa skond l-artikolu 4(2)(b) il-parti tkun naqset milli tuza r-raba' ghal dak l-iskop. Fil-kaz in dizamina, Angela Mangion talbet lil dan il-Bord jirrevoka, jhassar u jordna r-ritrattazzjoni tal-kawza fl-ismjiet premessi (Rikors 17B/96JAB) deciza mill-Bord

Dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba’ peress illi qatt ma kienet notifikata bil-proceduri kontra taghha u peress illi b’hekk tezisti r-raguni moghtija fl-artikolu 811(b) tal-Kap 12 ghar-ritrattazzjoni;

Illi skond l-insenjament tal-Qrati taghna, ara **Peter Borg vs Emanuel Busuttil (App 12/01/05)**, **Commonwealth Educational Society Limited vs Adriana Camilleri (App 10/01/2003) u Mildred Ferando vs Loris Bianchi pro et noe (App 12/05/2003)** hemm ravvizat b’carezza u logika li talba ghal ritrattazzjoni quddiem il-Bord li Jirregola il-Kera tista’ ssir **biss** ghar-raguni unika kif provdut fl-artikolu 42 tal-Kap 69 u bil-procedura hemm indikata. L-artikolu 42 tal-Kap 69 jipprovdi l-istess rimedju taht id-dispost tal-artikolu 13 (1) u (2) tal-Kap 199 Dwar it-Tigdid tal-Kiri tar-Raba.

Il-Bord mhux kompetenti jisma u jiggudika dwar talbiet ghar-ritrattazzjoni meta dawn isiru ghar-ragunijiet msemmija fl-artikolu 811 tal-Kap 12 u dan qed ikun sollevat ghaliex li kieku l-Bord kellu jitratta r-rikors meta adit taht dak il-provvediment, ikun qed jassumi poteri li mhumiex kompetenti lilu. Il-procedura skond l-artikolu 13 tal-Kap 199 hija wahda specjali u l-partijiet jistghu jirrikorru ghaliha biss fil-kazijiet hemm imsemmija;

Ghal dawn il-mottivi ir-rikors qed ikun dikjarat null u bla effett;

Bl-ispejjez kontra Angela Mangion.**”**

L-appell tar-rikorrenti kontra din is-sentenza hu wiehed prettament legali. Hija tissottometti illi l-Artikolu 13(3) ta’ l-Att dwar it-Tigdid ta’ Kiri ta’ Raba’ kien jiffakoltizza lill-Bord adit biex jittratta u jiddeciedi r-ritrattazzjoni ta’ kawza f’kull wiehed mir-ragunijiet elenkati fl-Artikolu 811 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Dan l-aggravju huwa kompletament fondat u s-sentenza tal-Bord guridikament zbaljata.  B’danakollu, il-kritika li din il-Qorti tista’ rispettosament toffri ghal din is-sentenza ma tistax tieqaf ghal din il-konstatazzjoni generika u, anzi, il-Qorti thossha fid-dmir li tikkummenta ulterjorment, anke ghaliex l-interpretazzjoni li l-Bord jakkorda lid-decizjonijiet minnu citati ta’ din il-Qorti, kif presjeduta, hija r-rizultat ta’ ekwivoci da parti tieghu;

Is-sentenzi principali ta’ din il-Qorti li fuqhom il-Bord jikkampa ruhu ghas-sostenn ta’ l-argument kollu tieghu huma dawn li gejjin:-

(1) L-ewwel sentenza citata hi dik fl-ismijiet “**Peter Borg -vs- Emanuel Busuttil**”, Appell mill-Bord li Jirregola l-Kera, 12 ta’ Jannar, 2005.  F’din il-kawza kienet giet sollevata l-eccezzjoni illi t-talba ghar-ritrattazzjoni kienet irrita u nulla ghaliex riedet issir quddiem il-Qorti ta’ l-Appell ghax kienet din li ppronunzjat ruhha l-ahhar fuq il-kwestjoni. Il-Bord irraguna illi parti fil-litigju li tiehu sentenza tal-Bord u wara tmur quddiem il-Qorti ta’ l-Appell ma tistax tmur lura ghall-Artikolu 42 tal-Kapitolu 69 biex tattakka s-sentenza tal-Bord.  Ma’ dan din il-Qorti ma qabletx u rritjeniet illi l-gurisdizzjoni tal-kawza ritrattata, in kwantu bazata fuq id-dispost ta’ l-Artikolu 42 imsemmi, kienet tispetta lill-Bord.  Il-kwestjoni procedurali involuta kienet wahda purament ta’ gurisdizzjoni u xejn aktar minn hekk.  Il-Qorti ma stabbilit ebda regola kuntrarja ghal dik tal-gurisprudenza affermata illi, b’gustifikazzjoni interpretativa ta’ l-Artikolu 20 tal-Kapitolu 69, akkordat lill-Bord l-istharrig ta’ domanda ta’ ritrattazzjoni artikolata a norma ta’ l-Artikolu 811 tal-Kapitolu 12.  Sempliciment irrilevat illi meta l-istess talba tkun bazata fuq ir-rimedju specjali skond l-Artikolu 42 tal-Kapitolu 69 l-istess kellha tkun diretta biss lill-Bord (“<u>japplika lill-Bord</u>”) u mhux quddiem il-Qorti li tkun tat is-sentenza attakkata, kif hekk jipprovdi l-Artikolu 814 tal-Kapitolu 12;

(2) Il-kaz prospettat bit-tieni sentenza citata “**Commonwealth Educational Society Limited -vs- Adriana Camilleri**”, 10 ta’ Jannar, 2003, ultimament

deciza fil-mertu fit-2 ta' Gunju, 2003, kien jittratta mis-somma tal-garanzija li kellha tigi stabbilita a norma ta' l-Artikolu 209 (1) tal-Kapitolu 12. Bl-ebda mod din is-sentenza ma kienet tmiss il-punt hawn trattat, anke ghaliex ma kellha ebda konnessjoni ma' materja ta' ritrattazzjoni quddiem xi tribunal specjali, bhal ma hu invece il-kaz hawnhekk;

(3) It-tielet sentenza f'din is-serje citata mill-Bord fid-decizjoni attakkata wkoll ma ticcentra xejn mal-punt in diskussjoni. Fis-sentenza "**Mildred Ferando -vs- Louis Bianchi *proprio et nomine***", 12 ta' Mejju, 2003, il-kwestjoni kienet taggira fuq il-punt jekk terz li ma jkunx kompartecipi fil-kawza setax jinqeda bir-rimedju tar-ritrattazzjoni skond l-Artikolu 811 u wkoll, jekk il-procedura tar-ritrattazzjoni, ta' indoli specjalissimi, setghetx tigi cirkumventata b'korrezzjonijiet leggeri. Hawnhekk din il-Qorti ddeterminat illi r-ritrattazzjoni kienet timporta illi jigu citati l-istess persuni li kienu ko-involti fil-gudizzju impunjat u li tieghu kien qed jintalab it-thassir;

Apparti dawn ir-riljievi maghmula ghal skop ta' kjarezza, u biex is-sentenzi tal-Qorti jkunu sew interpretati, certament il-konkluzjoni tal-Bord mhux biss hi r-rizultat ta' ekwivoku fl-interpretazzjoni tad-decizjonijiet citati imma wkoll, u maggorment f'dan il-kaz, frott ta' ekwivoku lampanti tal-punt ta' ligi. A kuntrarju ta' dak provvdut fil-Kapitolu 69, il-Kapitolu 199 espressament jahseb fis-subinciz (3) ta' l-Artikolu 13 tieghu ghar-ritrattazzjoni quddiem il-Bord dwar il-Kontroll ta' Kiri ta' Raba' ghal xi wiehed mill-motivi kontemplati fl-Artikolu 811 tal-Kapitolu 12. Il-kwestjoni allura ma thallietx fil-kompetenza u l-gudizzju tal-qorti jew tat-tribunal biex dak id-dritt ta' ritrattazzjoni, skond l-imsemmi provvediment ta' l-Artikolu 811, jigi interpretat b'mod indirett mill-kontenut u l-portata ta' l-Artikolu 6 (1) tal-Kapitolu 199 – analogu ghall-Artikolu 20 tal-Kapitolu 69 – imma b'mod dirett hafna, skond il-volonta cara u espressa tal-legislatur. Fl-ahharnett, il-Qorti ma tistax ma tinnotax, b'sodisfazzjon, illi l-istess appellati, pjenament u b'lealta` jikkonkordaw ma' din il-konkluzjoni u ma' l-aggravju devolut.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata u tghaddi biex tirrinvija l-atti tal-kawza lill-Bord ghad-definizzjoni u decizjoni tar-ritrattazzjoni skond il-ligi. Fic-cirkustanzi, l-ispejjez ta' dan l-incident fiz-zewg istanzi tieghu jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------